# 225 Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija (1782-2007)

jikteb Tony Terribile



Fi ġrajjiet il-parroċċi u l-knejjes tagħna, dejjem insibu referenza speċjali u importanti għal Jum il-Konsagrazzjoni ta' dik il-knisja meta l-Isqof tad-djoċesi jiddedika solennament il-knisja lil Alla l-Imbierek.

F'kull knisja ikkonsagrata, din il-ġrajja hija imfakkra b'irħama kif ukoll bi tnax-il salib tal-bronż jew ta' l-irħam imwaħħla mall-pilastri. Darba f'sena, quddiem dawn is-slaleb naraw xemgħa mixgħula u fil-kant ta' l-għasar, kif ukoll fil-quddiesa kantanta, iċ-ċelebrant jinċensa dawn it-tnax –il salib.

Din is-sena l-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija qegħda tfakkar il-225 sena minn meta l-Isqof Vincenzo Labini mexxa rit twil u solenni tal-konsagrazzjoni tal-knisja u għalhekk hu xieraq li f'din l-okkażjoni nagħtu titwila ħafifa x'kien sar dak inhar, jiġifieri nhar il-25 ta' Lulju, 1782. Ta' minn jgħid nhar it-12 ta' Lulju, 1782, l-Isqof Labini ħareġ dikritt mill-Kurja li twaħħal mal-bieb tal-palazz ta' l-Isqof kif ukoll ma' dak tal-knisja ta' Ħal Lija biex iħabbar il-jum tal-konsagrazzjoni.

Meta l-knisja ta' Ħal Lija ġiet ikkonsagrata, l-altar maġġur ġie wkoll ikkonsagrat għaliex fil-mensa tiegħu ġew ingastati r-relikwiji ta' xi qaddisin. L-Isqof Labini issiġilla dawn ir-relikwiji jum qabel fil-knisja parrokkjali u wara ittrasportahom għal knisja filjali ta' Sant'Andrija. Hawn ġew inċensati u l-qassisin kantaw seba' salmi penitenzjali. Tħallew lejl sħiħ f'dan il-post imdawla bix-xemgħa filwaqt li għadd ta' nies u qassisin għaddew il-lejl jitolbu quddiemhom. L-għada filgħodu, l-knisja parrokkjali ta' Ġesu Salvatur sebħet magħluqa, iżda wara l-bieb maġġur kien hemm id-djaknu liebes id-dalmatika. Sadattant minn Sant'Andrija ħarġet purċissjoni bir-relikwiji mqaddsa magħluqa f'kaxxa taċ-ċomb u mqegħda f'għamla ta' urna. Erba' saċerdoti ġarrew din l-urna filwaqt li kienu lebsin paramenti ħomor.




*Mużew tal-knisja, rħama b'kitba li tfakkar Jum il-Konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali.*

Meta l-Isqof wasal quddiem il-Knisja parrokkjali tas-Salvatur, niżel għarkobbtejh quddiem il-faldistorju, qal talba u tkantat il-litanija tal-qaddisin. Wara bierek reċipjent mimli ilma u miegħu ħallat il-melħ u wara, bil-weraq ta' l-isopu bierek il-miġemgħa u minnufih dar mal-knisja minn barra ibierek il-ħitan tagħha.

X'ħin wasal quddiem il-bieb maġġur ħabbat bil-bakklu filwaqt li lissen bil-latin: 'Infetħu o bibien ewlenija, infetaħ biex jidħol is-sultan tal-Glorja'.

Id-djaknu minn ġewwa wieġeb: 'Min huwa dan is-sultan tal-Glorja?' u l-Isqof wieġeb bil-latin: 'Huwa Alla qawwi u setgħan, Alla ta' l-eżerċiti'.

Il-bieb iżda baqa' magħluq u l-Isqof għat-tieni darba reġa' dar mal-knisja filwaqt li l-kleru kantaw għadd ta' antifoni.

Meta l-Isqof wasal quddiem il-bieb maġġur reġa' ħabbat u sar l-istess djalogu mad-djaknu, u wara l-Isqof dar mal-knisja ibierek il-ħitan tagħha u x'ħin reġa' wasal quddiem il-bieb maġġur reġa' ħabbat. Hawn id-djaknu fetaħ il-bieb u hawn l-Isqof, fuq il-għatba tal-bieb permezz tal-ponta tal-bokklu għamel is-sinjal tas-salib filwaqt li qal: 'Araw is-sinjal tas-salib, warrbu minn hawn spirti ħżiena' u wara l-Isqof u l-qassisin daħlu fil-knisja iżda l-miġemgħa baqgħet barra. Fil-knisja kulħadd niżel għarkobbtejh, tkantat il-litanija t-twila u l-Veni Creator u għalqu bil-kant tal-Benedictus.

Sadattant żewġ qassisin firxu fit-tul u l-wisa' tal-korsija għadd ta' rmied


www.santandrijalija.com

forma ta' salib ta' Sant'Andrija u wara li l-Isqof qam minn fuq il-faldistorju kiteb fuq l-irmied l-ittri ta' l-alfabet Grieg u Latin. Wara l-Isqof ġabulu quddiemu bieqja kbira mimlija ilma. Miegħu ħallat melħ, irmied u inbid u bierek il-ħitan tal-knisja minn ġewwa filwaqt li tkantaw għadd ta' salmi ta' tifħir lil Alla. Permezz ta' sellum twil, l-Isqof dilek għamla ta' salib fuq it-tnax-il pilastru tal-knisja.

Kien imiss issa l-konsagrazzjoni ta' l-altar maġġur.

L-Isqof beda biex bierek tnax-il biċċa inċens u poġġihom għamla ta' ħames slaleb, wieħed fin-nofs tal-mensa u l-erba' l-oħra, wieħed f'kull ponta filwaqt li l-qassisin poġġew għadd ta' bċejjeċ tal-kandiletta u ħarqu kollox.

Il-knisja imtliet fwieħa ta' l-inċens, kulħadd niżel għarkobbtejh u tkantaw għadd ta' salmi ta' tifħir lil Alla. F'kull pilastru inxtegħlet xemgħa quddiem is-salib tal-konsagrazzjoni. Meta l-inċens intefa', intrefa' l-irmied u l-Isqof dilek il-mensa biż-żejt imqaddes filwaqt li lissen għadd ta' talbiet. Meta ntemm it-talb kollu, il-mensa ġiet minsuħa u poġġew it-trieħi, u l-altar ġie armat b'kollox u hawn bdiet il-quddiesa kantanta tal-konsagrazzjoni tal-knisja.

Hekk intemmet din il-funzjoni twila li kienet tieħu ħin twil. Illum dan ir-rit ġie mqassar ħafna, iżda b'dankollu għadu rit sabiħ, solenni u importanti fil-liturġija tal-knisja.




*Sagristija tal-knisja, rħama b'kitba li tfakkar għeluq il-mitejn sena mill-Konsagrazzjoni ta' l-istess knisja. (Ritratt: J. Vella)*